Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,499, 2 ta' Settembru, 2025
Taqsima B

A.L. 188 tal-2025

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME* (KAP. 123)

Regolamenti tal-2025 dwar Taxxa Finali fuq l-*Income* Mingħajr Imputazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 22B tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income,* il-Ministru responsabbli għall-finanzi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2025 dwar Taxxa Finali fuq l-*Income* Mingħajr Imputazzjoni.

Tifsir.

2. (1) F'dawn ir-regolamenti, sakemm il-kuntest ma jeħtieġx mod ieħor:

Cap. 123.

"Att" tfisser l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*;

"entità" tfisser kumpanija, inkluż kwalunkwe korp ta' persuni li jagħżel li jitqies bħala kumpanija jew li jitqies bħala kumpanija skont id-dispożizzjonijiet tal-Att u kwalunkwe *trust* li japplika d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 27D(1) tal-Att;

"sena fiskali" tfisser il-perjodu ta' kontjar li għalih l-entità tipprepara l-kontijiet finanzjarji tagħha fir-rigward ta' sena ta' stima.

(2) Sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort' oħra, il-kliem u l-frażijiet l-oħra kollha użati f'dawn ir-regolamenti għandu jkollhom l-istess tifsira kif mogħti lilhom fl-Att.

Tassazzjoni mingħajr imputazzjoni.

3. (1) Entità għandha tkun soġġetta għat-taxxa f'Malta:

(a) skont id-dispożizzjonijiet tal-Att eskluż dawn ir-regolamenti; jew

(b) fuq l-*income* taxxabbli kif determinat skont l-Att bir-rata ta' ħmistax-il ċenteżmu (0.15) fuq kull ewro ta' dħul taxxabbli, minflok ir-rata stabbilita fl-artikolu 56(6) tal-Att:

Iżda tali dħul taxxabbli ma għandux jinkludi:

(i) dividendi riċevuti minn profitti li mhumiex allokati lill-kont tat-taxxa finali ta' kumpanija reġistrata f'Malta oħra; u

(ii) dħul li diġà ġie soġġett għal rata finali ta' taxxa skont kwalunkwe dispożizzjoni ohra tal-Att u li ħlief għad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, jiġu allokati lill-kont tat-taxxa finali.

(2) Entità li jkollha l-intenzjoni tinvoka d-dispożizzjonijiet tas-subregolament (1)(b) tista' tagħmel dan:

(a) fir-rigward ta' dħul li jkun dovut lil jew derivat mill-entità fis-sena fiskali li tipprecedi s-sena ta' stima 2025 u snin sussegwenti;

(b) permezz ta' avviż magħmul f'dik il-forma u sa dik id-data li l-Kummissarju jista' jiddetermina.

(3) Meta jiġu applikati d-dispożizzjonijiet tas-subregolament (1)(b), dawn għandhom jibdew japplikaw b'effett mis-sena ta' stima li fiha ssir l-għażla u għandhom jibqgħu japplikaw sakemm l-entità tavża lill-Kummissarju li trid tiġi intaxxata skont is-subregolament (1)(a):

Iżda tali notifika:

(a) ma għandhiex issir qabel it-tmiem ta' perjodu ta' ħames (5) snin li jibda jiddekorri mill-bidu tal-ewwel sena ta' stima li fiha l-entità applikat id-dispożizzjonijiet tas-subregolament 1(b);

(b) għandha ssir lill-Kummissarju f'dik il-forma u sa dik id-data li l-Kummissarju jista' jiddetermina; u

(ċ) għandha tifisser li d-dispożizzjonijiet tas-subregolament 1(a) għandhom japplikaw għal mill-inqas ħames (5) snin ta' stima konsekuttivi, li għandhom jibdew jiddekorru mill-bidu tas-sena ta' stima li fiha tkun saret in-notifika.

(4) Minkejja kwalunkwe dispożizzjoni oħra fl-Att, meta jiġu applikati d-dispożizzjonijiet tas-subregolament (1)(b):

(a) it-taxxa dovuta skont is-subregolament (1)(b) fl-ebda każ ma għandha tkun inqas mit-taxxa dovuta skont is-subregolament (1)(a) imnaqqsa bl-ammont ta' rifużjoni mitluba jew li jista' jintalab skont l-artikolu 48(4) jew (4A) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, mill-azzjonisti kollha fir-rigward tal-profitti li jkunu ġew soġġetti għat-taxxa taħt is-subregolament (1)(b), u meta jigu applikati d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 43(6) tal-Att, fejn applikabbli;

Kap. 372.

(b) it-taxxa imposta skont is-subregolament (1)(b),

għandha titqies bħala finali u ma għandhiex tkun disponibbli bħala kreditu jew tpaċija kontra taxxa dovuta minn kwalunkwe individwu jew entità oħra, jew bħala rifużjoni lil kwalunkwe persuna;

(ċ) minkejja kwalunkwe dispożizzjoni oħra tal-Att, il-profitti li fuqhom it-taxxa tkun ġiet ikkalkulata skont is-subregolament (1)(b) għandhom, sakemm ma jkunux profitti li jkunu diġà ġew allokati lill-kont tat-taxxa finali, jiġu allokati mill-ġdid lill-kont tat-taxxa finali ta' tali entità.